# It-Torri Ta' Sopu

Kitba ta' Dr. Mario Saliba

It-*Torri Ta' Sopu* huwa wieħed mit-torrijiet ta' madwar il-kosta ta' Għawdex li nbnew fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530 - 1798). Fil-fatt kien l-aħħar wieħed li nbena fuq il-kosta ta' Għawdex. Nistgħu ngħidu li qabel il-miġja ta' l-Ordni fil-gżejjer tagħna, f'Għawdex ma kinux jeżistu torrijiet jew xi tipi ta' fortifikazzjonijiet, ħlief iċ-Ċittadella. Il-kosta kienet tkun mgħassa mill-Għawdxin biss, iżda ma kienx hawn torrijiet. [1] Għal bidu li nbena kien jissejjaħ *La Torre Nuova* ( *It-Torri l-Ġdid*). [2] Biż-żmien kienu jirreferu għalih b'diversi ismijiet: *It-Torri ta' Daħlet Qorrot* jew *ta' San Blas* peress li jiġi fuq ir-riħ ta' dawn iż-żewġ xtajtiet, jew it-*Torri ta' l-Irdum il-Kbir* għax bir-raġun jinsab fuq dan l-irdum. Iżda l-iktar isem komuni huwa dak ta' *Torri Ta' Sopu* kif inhuma magħrufa l-inħawi fejn jinsab mibni dan it-torri.

Dan it-torri jinsab madwar 400 pied 'l fuq mill-livell tal-baħar fuq sisien ta' blat qawwi li jissejjaħ *Rdum il-Kbir.* Il-pożizzjoni ta' dan it-torri hija waħda kurjuża. It-torri ma jistax jintlaħaq mill-baħar minħabba s-sies għoli u l-blat forma ta' labirint li jifred lill-baħar mis-sies. It-torri, għalkemm mibni fuq sies, ma jidhirx minn postijiet oħra fin-Nadur. Dan peress li l-blat ta' quddiem it-torri jibqa' jogħla u jifforma għolja li tissejjaħ il-Qortin. Ix-xagħri ta' madwar, għalkemm salvaġġ, fuqu ssib rqajja' bil-ħamrija fejn jikbru diversi tipi ta' flora li għadhom fl-istat naturali tagħhom u għalhekk ta' min jikkonserva u jħares lil dan il-post mill-qerda ta' id 'l bniedem. Fost il-pjanti salvaġġi wieħed isib plejju, sagħtar, klin, faqqus il-ħmir, bużbież, ħaxixa ingliża, narċis, diversi tipi ta' xewk, fidloqqom u diversi tipi ta' arbuxxelli. Issib ukoll ħofor naturali fil-blat li jimtlew bl-ilma tax-xita u għalhekk jattiraw numru ta' għasafar tal-passa. Mhux ta' b'xejn li ħdejn dan it-torri ssib numru mdaqqas ta' mnasab! Fuq in-naħa tal-*Punent* hemm il-bajja ta' *San Blas* u fuq in-naħa tal-*Lvant* hemm ix-xtajta ta' *Daħlet Qorrot u Ras il-Qala.* L-isbaħ dehra ta' Daħlet Qorrot hija minn ħdejn it-torri għax wieħed ikun jista' jara wkoll daħliet oħra bħal *Qala ta' San Filep, Għajn Berta* u *Rdum iż-Żgħir.* Hekk ukoll dehra sabiħa tat-torri hija mill-għolja ta' fuq ir-riħ ta' *Għar Dorf* in-naħa ta' *Ras il-Qala.* Fuq in-naħa tat-Tramuntana t-torri jħares lejn il-baħar. Lejn il-Lvant tista' tara lil San Pawl il-Baħar, il-Ponta tad-Dragonara u San Ġiljan u lejn il-Punent tara l-għolja ta' Għajn Damma fejn dari kien hemm torri li kien jissejjaħ it-*Torri ta' Marsalforn.* Anke l-*Qolla s-Safra* tidher minn dan it-torri. Barra li kien iservi bħala difiża għal xi invażjoni għal għarrieda, kien iservi wkoll biex jintbatu s-sinjali. Fir-rapport tal-24 ta' Ottubru 1761, dwar it-torrijiet ta' Għawdex u Kemmuna, l-enġiniera Frančiżi Bourlamaque, Pontleroy u Louvincourt kienu qalu hekk dwar dan it-torri: *Cette tour est bonne pour les signaux (Dan it-torri huwa tajjeb għas-sinjali).* [3] Minn fuq it-terrazzin setgħu u, fil-fatt kienu jsiru, kommunikazzjonijiet ma' torrijiet f'Malta u anki ma' bċejjeċ tal-baħar li kienu jinzertaw għaddejjin fil-qrib.

It-torri beda jinbena fis-sena 1667; imma ħafna mix-xogħol tiegħu sar fis-snin 1669 u 1670 fiż-żmien il-Gran Mastru Nikola Cotoner (1663 - 1680). [4] Il-bini



tat-torri tħallas mill-*Universitas* ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann u għalhekk dan kien ifisser li l-bini ta' dan it-torri tħallas mit-taxxi tal-Għawdxin. L-Universitas ma kienitx daħlet għall-ispejjes tal-bini biss ta' dan it-torri, iżda kellha tieħu ħsieb il-ħlas tas-salarji wkoll. Kellha r-responsabbilta' li tħallas it-tiswijiet li kienu jinqalgħu minn żmien għal żmien.[5] L-Ordni ta' San Ġwann kien ħa ħsieb li jipprovdi l-bċejjeċ ta' l-artillerija wara li l-Gran Mastru Nikola Cotoner kien żar dan it-torri fis-19 ta' April 1670, kien sabu għadu mhux mgħammar bil-kanuni. Għalhekk meta rritorna Malta wera x-xewqa li l-Ordni għandu jieħu ħsieb biex mingħajr telf ta' żmien igħammar dan it-torri bl-armamenti meħtieġa. Din ma kienitx proċedura normali peress li t-torri la kien proprjetà ta' l-Ordni u lanqas kien taħt il-kontroll amministrattiv tal-Kmandant tal-Artillerija (bħalma kienu t-torrijiet tax-Xlendi u tad-Dwejra li għalkemm kienu tal-Universitas kienu jaqgħu taħt il-Kmandant tal-Ordni). Fil-fatt Fra Jean Jacques de Verdelin li kien il-Kmandant tal-Artillerija ta' l-Ordni talab direttiva bil-miktub mill-Kunsill ta' l-Ordni. Għalhekk kellha tgħaddi sena meta fit-22 ta' Ottubru 1670, l-Kunsill ta' l-Ordni ħa deċiżjoni biex dawn l-armamenti u munizzjon għat-*Torri Ta' Sopu* ma jitniżlux bħala għotja diretta iżda jitniżżlu bħala għotja lil xi Ordni Reliġjuż.

L-armamenti u l-munizzjon li l-Kmandant tal-Ordni bgħat kienu jikkonsistu minn dawn:

* żewġ kanuni tal-ħadid bil-karrijiet, fusijiet u roti tal-ħadid
* sitt rimoni
* erba' vireg biex jippressaw il-polvri fil-kanun
* żewġ kuċċaruni tal-polvri
* erba' kanuni li jinġarru minn post għall-ieħor
* tnax-il xkubetta
* tnax-il labarda ta' l-injam
* ħamsin balla tal-kanuni magħmulin minn ħadid fondut.[6]

Fuq il-faċċata li tħares lejn l-art kien hemm minquxin erba' armi, d-doppju ta' torrijiet oħra. Minnhom, it-tnejn l-iktar importanti huma tal-Gran Mastru Nikola Cotoner u tal-Gvernatur Kastiljan inkarigat minn Għawdex, Ludoviku Xedler *y* Gomez. Illum l-armi ma għadhomx jingħarfu u probabbilment iż-żewġ armi l-oħra huma waħda ta' l-Universitas ta' Għawdex u l-oħra tas-Senskalk, li kien il-Kmandant tal-Ordni.[7]

Bħal torrijiet oħrajn, dan it-torri kellu Kastellan li kien inkarigat mis-suldati l-oħra li kienu jaħdmu hemm. Kien ikun hemm tlieta għassa bil-lejl flimkien mal-Kastellan jew l-ajjutant tiegħu. Dawn kollha kienu jitħallsu mill-Universitas ta' Għawdex. Il-Kastellan tat-Torri ta' Sopu tliet mitt sena ilu kien Gio Maria Gafà u kellu paga ta' tnax-il skut kull erba' xhur (2.52 Euro) jew sitta u tletin skut fis-sena (7.56 Euro). Dan id-dettal jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas* ta' Għawdex, manetta (1701 - 1702), folju 27r (NAG, UG, *Acta*, 9/1701 - 1702, f.27r).[8]

It-*Torri Sopu* jibqa' jissemma fl-istorja għas-sehem tiegħu meta l-Franċiżi attakkaw lil Għawdex nhar il-Ħadd, 10 ta' Ġunju 1798. Dan għaliex il-Kmandant Franċiż, Reynier kien għażel daħla ċkejkna bejn it-*Torri Ta' Sopu* u l-*Batterija tar-Ramla*, illum magħruf bħala l-*Irdum tal-Ħawt* jew *Ta' Vnuta*. Meta l-Għawdxin raw id-dgħajjes mimlijin suldati jaqdfu b'ħeffa lejn ix-xtut tagħna, il-kanuni tat-*Torri Sopu* u dawk tal-Batterija l-Ġdida tar-*Ramla* bdew jisparaw fuq it-truppi. Iżda dawn ma damux ma ġew megħluba mill-kanuni tal-frejgati *L'Etoile* u *La Pluvier.* Dan peress li fuq it-*Torri Sopu* kien hemm biss żewġ kanuni. Għalhekk it-truppi kollha ta' Reynier sbarkaw u bdew telgħin l-art mingħajr resistenza ta' xejn.[9]

It-torri baqa' jaqdi l-funzjoni tiegħu ta' difiża sa l-1 ta' April 1873, meta ma baqgħux jintbatu iktar suldati biex igħassu minnu u għalhekk it-torri kien abbandunat. Fiż-żmien it-Tieni Gwerra Dinjija t-torri ma kienx użat għal skopijiet ta' difiża iżda minkejja dan l-għadu tefa' xi bombi li b'xorti tajba ma laqtux it-torri. It-torri ilu mitluq għal ħafna snin u l-elementi tan-natura ħallew l-effetti tagħhom. Is-saqaf ta' dan it-torri ġa kellu bżonn ta' dawra u kien fil-periklu li jiġġarraf sa mill-1872 meta l-Kurunell Mattei ġibed l-attenzjoni lill-awtoritajiet għal din il-ħaġa u talab li jsiru t-tiswijiet meħtieġa mill-aktar fis possibbli. Naturalment ma kien sar xejn għax ftit xhur wara t-torri kien abbandunat għal kollox u minn dak iż-żmien sal-lum qatt ma saru tiswijiet fih.

Minkejja li għaddew 332 sena mill-bini tiegħu u n-nuqqas ta' manutenzjoni t-torri għadu wieqaf. Is-saqaf u parti mit-turretta ta' fuq il-bejt huma mġarrfin. Fil-ħajt tan-naħa tal-Lvant hemm konsentura wiesgħa mhux ħażin. Barra minn dawn il-ħsarat jidher li għadu sħiħ u forsi fl-aħħar tasal is-siegħa u jsir ir-restawr li hemm bżonn. Il-Kunsill Lokali tan-Nadur laħaq ftiehem ma' Din L-Art Ħelwa biex flimkien jidħlu għal din il-biċċa xogħol. Tkun ħasra jekk dan it-torri ma jkunx salvat mill-qerda għax inkunu tlifna parti mill-wirt storiku ta' gżiritna.

Referenzi:


1. Zammit V., *Is-Swar u l-Fortifikazzjonijiet,* 1999, p.72
2. Samut-Tagliaferro A., *The Costal Fortifications of Gozo and Comino,* 1993, p.181
3. Ibid., p.184
4. Bonnici A., *In-Nadur* Vol. I, 1984, p.232.
5. Zammit V *Is-Swar u l-Fortifikazzjonijiet,* 1999, p.74
6. Samut-Tagliaferro A., *The Costal Fortifications of Gozo and Comino,* 1993, p.183
7. Bonnici A.., In-Nadur Vol. I, 1984, p.232
8. Bezzina J., *Għawdex 300 sena ilu,* Il-Ħajja f'Għawdex, Ħarġa Nru.838, April 2002, p. 9
9. Debono, J *Għawdex Taħt il-Franċiżi, Luminaria* Ħarġa Nru. 51, Diċembru, 1997, p.13


***Mario Saliba***